li tikkonsisti fil-Cantata Sagra Pawlina "L-X ta' Frar 1928" kompożizzjoni ta' Christopher Muscat fuq poeżija tal-Poeta Dun Karm Psaila li ġġib l-istess isem u l-Oratorju Sagru Pawlin "Fino ai confini della terra" kompożizzjoni ta' Monsinjur Marco Frisina fuq testi Bibbliċi.

## Is-Sitt attività kulturali

### Taħdita: "In-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta – lil hinn mir-rakkonti fl-Atti tal-Appostli"

Taħdita minn Mark Gatt - l-awtur tal-ktieb ġdid *Paulus – The Shipwreck*

Data u ħin: Is-Sibt 9 ta' Frar fis-6.45pm (taħdita ta' siegħa)
Post: Il-Knisja ta' San Publiju (biswit il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl)
Kelliem: Mark Gatt – l-awtur tal-Ktieb 'Paulus – The Shipwreck'
Wara t-taħdita ta' siegħa ser ikun hemm il-bejgħ tal-ktieb iffirmat mill-istess editur tal-ktieb li jġib l-istess isem.

### Quddiesa Kantata fl-okkażjoni tan-Nawfraġju ta' San Pawl

Data u ħin: Il-Ħadd 10 ta' Frar fid-9.00am
Post: Il-Knisja Proto Parrokkjali u Kolleġġjata ta' San Pawl, Ir-Rabat, Malta

Il-membri tal-Fondazzjoni Paulus u ħbieb tal-istess Fondazzjoni jattendu l-Quddiesa konċelebrata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tar-Rabat bis-sehem tal-Kor Parrokkjali taħt id-direzzjoni ta' Charlene Portelli. Wara l-Quddiesa jkun hemm talb fil-Grotta ta' San Pawl.
Din il-quddiesa tkun imxandra diretta fuq TVM

## Is-Seba' attività Kulturali

### Guided Tour f'Palazzo San Paolo, Ir-Rabat

Data u ħin: Il-Ħadd 10 ta' Frar fl-10.30am

Bħala parti mill-mawriet gwidati li torganizza l-Fondazzjoni Paulus fil-festival annwali tagħha AGAPE, din is-sena, fl-okkażjoni tal-150 sena mit-twaqqif tal-Banda Konti Ruġġieru, ser issir mawra (guided tour) fil-Palazz u l-Każin tas-Soċjetà San Pawl – Banda Konti Ruġġieru fejn hemm niskopru l-istorja kbira tas-Soċjetà San Pawl u l-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru.

## It-Tmien attività kulturali

### Taħdita minn Sister Mary Anne Sultana fuq l-ispirazzjoni Pawlina fit-teologu u xjentist Pierre Teilhard de Chardin

Data u ħin: Il-Ġimgħa 15 ta' Frar, 2019 fis-6.45pm
Post: Il-Knisja ta' San Publiju li tinsab fuq il-Grotta ta' San Pawl
Kelliema: Sister Mary Anne Sultana li ppubblikat il-ktieb "The Road less travelled of a Scientist and Priest – Pierre Teilhard de Chardin" u fil-passat irriċerkat it-teżi tagħha fuq l-istess riflessjonijiet ta' dan it-teologu famuż.

Wara t-taħdita ta' siegħa ser ikun hemm il-bejgħ tal-ktieb iffirmat mill-istess awtrici tal-ktieb li jġib l-istess isem.

## Id-Disa' attività kulturali

### Mortem: l-aħħar vjaġġ tar-Rumani – Festival Ruman fil-Katakombi ta' San Pawl, Ir-Rabat

Data u ħin: Il-Ħadd 17 ta' Frar, 2019 bejn id-9.00am u l-5.00pm (l-aħħar dħul fl-4.30pm)

Attività mtella' fil-Katakombi ta' San Pawl li tinkludi ċ-ċans li dduq ikel ibbażat fuq riċetti Rumani, funeral Ruman, attivitajiet mal-arkeologi u bosta attivitajiet oħra matul il-ġurnata.
Din l-attività hija organizzata minn Heritage Malta.
Din hija l-aħħar attività tal-Festival għal din is-sena 2019

BNF BANK

BOV Bank of Valletta · Malta School of Flying · Malta Wings · Professional Aviation Training Academy - Malta · green mt Waste Management Services · Corinthia Group · Abertax® · Mużew Wignacourt

Bestprint Co. Ltd, Qrendi • Tel: 21 680 789

# RABAT *AGAPE* FESTIVAL 2019

(Is-Seba' Edizzjoni)

Festival ta' Arti u Kultura Kristjana fir-Rabat ta' Malta, B'enfasi fuq il-Kult Pawlin

**Festival annwali organizzat mill-Fondazzjoni PAULUS**



Sanctus Paulus Magister - Ikona miktuba minn Vincent Mangani

Bejn il-25 ta' Jannar u s-17 ta' Frar 2019
Fl-okkażjoni
tal-Festi tal-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta
www.fondazzjonipaulus.org

# PROGRAMM

### Quddiesa Kantata fl-okkażjoni tal-Konverżjoni ta' San Pawl

Data: Il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 2019 fis-6.00pm
Post: Il-Proto Parroċċa Kolleġġjata ta' San Pawl – Ir-Rabat, Malta
Il-membri tal-Bord tal-Fondazzjoni Paulus, ħbieb u voluntiera tal-istess Fondazzjoni jattendu l-Quddiesa konċelebrata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tar-Rabat bis-sehem tal-Kor Parrokkjali taħt id-direzzjoni ta' Charlene Portelli

## L-Ewwel attività kulturali

### 'Charity through music and the arts': Kunċertin fil-Palazz Verdala tal-Buskett

Dan il-kunċert qed isir taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta
Data u ħin: Is-Sibt 26 ta' Jannar, 2019 fl-4.00pm
Post: Il-Palazz Verdala tal-Buskett
Il-kunċert ser ikun esegwit minn brass u woodwind ensembles komposti minn bandisti tal-Banda Konti Ruġġieru tas-Soċjetà San Pawl tar-Rabat.
Wara l-kunċert issir ġabra b'risq il-Malta Community Chest Fund

## It-Tieni attività kulturali

### Taħdita: Il-Professur Joseph Vella – wieħed mill-aktar kompożituri prolifiċi Maltin tal-aħħar nofs tas-seklu għoxrin u l-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin

Data u ħin: Il-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2019 fis-6.30pm
Post: Is-Sala tal-Arkivju tal-Banda Konti Ruġġieru, 67, Triq il-Kbira, Ir-Rabat, Malta
Kelliema: Celine Schembri u Dr Lydia Buttiġieġ
Il-Fondazzjoni Paulus ġiet imwaqqfa sabiex tippromwovi u tesponi l-mużika ta' livell tal-kompożituri Maltin sabiex permezz tal-kunċert annwali tagħha fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, Malta, jiġu ċċelebrati l-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Kolleġġjata tar-Rabat.
Din it-taħdita qed issir mill-Fondazzjoni Paulus bil-koperazzjoni tal-Kumitat tas-Soċjetà San Pawl Banda Konti Ruġġieru u għandha l-iskop li jitfakkar għeluq l-ewwel sena mill-mewt ta' dan il-kompożitur kbir ta' statura internazzjonali. Il-Prof. Joseph Vella kien joqgħod ir-Rabat u għal aktar minn erbgħin (40) sena kien surmast direttur tal-Banda Konti Ruġġieru li tiegħu tipposjedi ħafna kompożizzjonijiet.
Din it-taħdita minn Celine Schembri u Dr Lydia Buttiġieġ ser tkun a bażi ta' teżi li Celine Schembri għadha kif riċentament ippreżentat b'suċċess fuq ir-repertorju mużikali vast tal-Professur Joseph Vella. Dr Lydia Buttiġieġ kienet it-tutur tal-istess Celine.

## It-Tielet attività kulturali

### Sanctus Paulus Magister- wirja ta' Ikoni Pawlini minn Vincent Mangani fil-Mużew Wignacourt tar-Rabat

Wirja ta' ikoni Pawlini u ikoni ispirati minn sentenzi meħudin mill-ittri tiegħu
Data u ħin: Is-Sibt 2 ta' Frar fil-5.30pm
Post: Il-Mużew Wignacourt, Ir-Rabat, Malta
Fil-5.30pm ikun hemm bibità u fis-6.00pm diskors qasir u ftuħ mill-Ministru Dr Ian Borg LL.D

## Ir-Raba' attività kulturali

### Taħdita fuq is-simboliżmu fl-Ikoni Pawlini

Data u ħin: Is-Sibt 2 ta' Frar fis-6.45pm
Post: Il-Knisja ta' San Publiju li tinsab biswit il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl
Kelliem: Vincent Mangani – kittieb tal-ikoni u Soċju tal-MUSEUM.
Din it-taħdita ddum madwar 45 minuta

## Il-Ħames attività kulturali

### Il-Kunċert Annwali ppreżentat mill-Fondazzjoni Paulus

Kunċert li ser jikkomemmora l-10 anniversarju tal-proġett PAULUS li beda fis-Sena Pawlina fl-2009 bil-kunċert inawgurali li jsir f'Ġunju tas-sena 2011, bl-ewwel kunċert annwali fl-okkażjoni tan-Nawfraġju jsir fid-9 ta' Frar tas-sena 2012, liema grupp sussegwentament iffurma ruħu f'formazzjoni legali permezz ta' struttura ta' Fondazzjoni fid-9 ta' Jannar tas-sena 2014.
Data u ħin: Il-Ġimgħa 8 ta' Frar 2018 fit-7.30pm
Post: Il-Knisja Kolleġġjata Proto Parrokkjali ta' San Pawl, Ir-Rabat
Tul tal-kunċert: siegħa
Dħul bla ħlas

### *Tislima lill-Professur Joseph Vella bl-eżekuzzjoni ta' xi wħud mix-xogħlijiet tiegħu*

### L-ewwel parti tal-kunċert

Xogħlijiet sagri tal-Prof. Joseph Vella bl-arpa, sopran u flawt
- Ave Maria Op 74;
- Cantico delle Creature Op 61

Caroline Muscat – arpa, Charlene Portelli – soprano, Natasha Chircop – flawt

### It-tieni parti tal-kunċert

Innu "Lil San Pawl fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina 2008-2009"
Kor - Laudate Pueri; Soprano - Charlene Portelli; Organista - Dr Fiorella Fenech Vella

### It-tielet parti tal-kunċert

*Vella a Cappella* – mużika sagra korali oriġinali tal-Professur Joseph Vella interpretati mill-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Għawdex immexxi minn Dun George Joseph Frendo, Ms Maria Frendo – Leader
Repertorju:-
- Miserere op. 37
- Sicut Cervus op 78
- Sequenza a 2 op 85
- Missa Brevis op. 40
- T'Adoriam, Hostia Divina*
- Innu ta' Filgħaxija*
- Innu Malti**

*Mużika Giuseppe Caruana, test Monsinjur Karm Psaila, arranġament ta' Joseph Vella
**Mużika ta' Robert Samut fuq test ta' Monsinjur Karm Psaila, arranġament ta' Joseph Vella
Ħajr lid-Direttur Mużikali tal-Fondazzjoni Paulus – Christopher Muscat għal koordinazzjoni tiegħu.
Wara l-kunċert fil-Knisja, fejn il-bieb maġġuri, ser ikun hemm bejgħ taż-żewġ Compact Discs li varat il-Fondazzjoni s-sena li għaddiet: CD b'mużika 'Premiere Works' tal-kompożitur Ray Sciberras u mużika sagra ta' kompożituri Maltin magħżula mill-arkivju tal-Mużew Wignacourt; u CD 'Premiere Works'